



12.9.2011

0035/2011

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-ħtieġa ta' servizzi ta' emerġenza 112 aċċessibbli

**Marian-Jean Marinescu, Ádám Kósa, Eva Lichtenberger, Gesine Meissner,  
Gianni Pittella**

Data ta' skadenza: 15.12.2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħtieġa ta' servizzi ta' emerġenza 112 aċċessibbli**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra n-numru tat-telefown uniku Ewropew għall-emerġenzi 112 għall-Unjoni Ewropea, stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-29 ta' Lulju 1991 (91/396/KKE), imsaħħa permezz tad-direttiva dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni tan-netwerk miftuħ għal telefonija tal-vuċi u dwar is-servizz universali għall-telekomunikazzjonijiet f'ambjent kompetittiv, id-Direttiva 98/10/KE,
  - wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/136/KE, li temenda d-Direttiva 2002/22/KE dwar is-servizz universali u d-drittijiet tal-utenti relatati ma' servizzi u netwerks ta' komunikazzjoni elettroniċi,
  - wara li kkunsidra r-Regola 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. Billi l-biċċa l-kbira tas-servizzi tal-emerġenza tal-UE huma aċċessibbli biss bl-użu tal-vuċi, u b'hekk miljuni ta' ċittadini huma esklużi minn servizz li jista' jsalvarek ħajtek, bħal utenti torox, li jbagħtu mis-smiġħ u li għandhom xi diżabbiltà lingwistika u f'sitwazzjonijiet fejn diskrezzjoni tat-telefonata hija meħtieġa,
- B. billi l-Unjoni Ewropea ratifikat il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbilitajiet u adottat l-Istrateġija dwar id-Diżabbiltà tagħha 2010-2020, kif ukoll l-Aġenda Diġitali, li ssaħħa id-Diżinn Universali,
1. Jitlob lill-Kummissjoni tressaq proposti leġiżlattivi u ta' standardizzazzjoni biex is-servizzi 112 isiru aċċessibbli bis-sħiħ għaċ-ċittadini kollha, fejn tingħata prijorità lil servizzi tal-lingwa tas-sinjali permezz ta' teknoloġiji awdjoviżwali u servizzi bbażati fuq it-test biex tiġi żgurata l-inklużjoni ta' utenti torox, li jbagħtu mis-smiġħ, u li għandhom xi diżabbiltà lingwistika;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-iżvilupp ta' servizzi 112 tal-Ġenerazzjoni Li Jmiss, affidabbli u aċċessibbli bis-sħiħ li ma jiddipendux minn apparat u netwerks, u li jużaw il-kunċett ta' Konverżazzjoni Totali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Gvernijiet tal-Istati Membri.